Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1800/2005

**Perit David Vassallo**

**vs**

**Innovative Entertainment Limited**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Ottubru 2005 li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta' mitejn sitta u tletin lira Maltija (Lm236) rapprezentanti mizata ghal servizzi professjonali ezegwieti fuq struzzjonijet tas-socjeta konvenuta.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta'l-atturi sabiex is-socjeta konvenut twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet notifikat b'l-avviz f'l-24 ta' Ottubru 2005, naqset li tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas s-somma ta' mitejn sitta u tletin lira Maltija (Lm236) b'l-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------